**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-21 ta' Novembru, 2019**

**Talba Numru: 24/2019 AM3**

**Numru fuq il-Lista:39**

**Oasis Travel & Tourism Ltd (C75564)**

**Blacktail Street,**

**St Paul's Bay**

**vs**

**Aaron Grech (K.I. 86073M)**

**34, Xandrija,**

**Triq il-Harruba,**

**Mgarr**

**Malta**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba tas-socjeta' attrici pprezentat fit-13 ta' Frar 2019 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi ordnat ihallasha s-somma ta' disa' mija u erbgha u sittin ewro u sitta u tmenin centezmu (€964.86c) in konnessjoni ma' kiri ta' vettura li l-intimat kera minghand is-socjeta' attrici mis-sittax (16) ta' Gunju 2017 ghal wiehed u disghin (91) gurnata bir-rata ta' ghaxar ewro (€10) kuljum flimkien ma' tmien ewro u

tmienja u ghoxrin centezmu (€8.28c) hlasijiet ta' CVA u ammont ta' sitta u erbghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€46.59c) f'multi ghal kontravenzjonijiet tat-traffiku.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data tal-ewwel seduta quddiem dan it-Tribunal.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament imsejjah baqa' ma deherx ghas-seduta u lanqas kkontesta t-talbiet attrici.

Sema' x-xhieda tar-rapprezentanza tas-socjeta' attrici jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra s-subizzjoni tas-socjeta' attrici.

Ra li l-konvenut rega ma deherx ghas-seduta tal-lum u li wara li rega semgha lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici jikkonferma li l-ammont ghadu kollu dovut il-kawza giet deciza.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jordna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u erbgha u sittin ewro u sitta u tmenin centzmu (€964.86c) bl-imghax legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**